MALTA

# QORTI TAL-APPELLI KRIMINALI (INFERJURI) MALTA

## ONOR. IMHALLEF GALEA DEBONO JOSEPH

Seduta tas-6 ta' Jannar, 2003

Appell Kriminali Numru. 165/2002

Il-Pulizija
(Spettur M. Micallef)

Vs

Victor Vella

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali billi gie akkuzat minn Mary Grace Farrugia talli fir-Rabat fl-ghalqa tal-kwerelanta f'ghar Barka bejn l-1 ta' Jannar u l-24 t'April, 2002, ippermetta lit-tfal minuri tieghu Luke u Andrew Vella jaghmlu hsara billi kissru u garrfu l-hitan tas-sejjieh, apparti milli ghamlu hsara lill-mizergha fl-istess ghalqa gharqu u ghamlu hsara fil-propjeta' taghha billi garrfulha l-imsemmija hitan tas-sejjieh, liema hsara tammonta ghal LM100. Il-kwerelanta talbet illi f'kaz ta'

sejbien ta’ htija tintalab garanzija illi l-imputat ma jhallix lil uliedu jaghmlu hsara lill-kwerelanta fil-futur.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-2 ta’ Lulju 2002, li biha wara li ppremettiet illi jirrizulta illi l-imputat kien infurmat bl-agir ta’ uliedu minuri u n-nuqqas ta’ diligenza huwa konpriz bil-kliem “ippermetta” u billi irrizulta li saret il-hsara volontarja, ai termini tal-Artikolu 35 (3), obbligat lill-imputat jiehu hsieb l-imgieba ta’ uliedhu minuri imsemmija taht penali ta’ LM 100.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-8 ta’ Lulju 2002, li bih talab lil din il-Qorti joghgobha tissospendi l-effetti tas-sentenza taht dawk il-kundizzjonijiet li jidhrilha xierqa.

Rat id-Digriet tal-istess Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tad-9 ta’ Lulju, 2002, li bih , billi s-sentenza ma tipprovdix lanqas ghall-piena pekunjarja , laqghet it-talba tal-imputat minghajr il-htiega ta’ garanzija.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant minnu pprezentat fil-11 ta’ Lulju, 2002 li bih talab li din il-Qorti thassar u tirrevoka l-istess sentenza w tilliberah minn kull piena w imputazzjoni .

Rat il-verbal tas-seduta tal-24 t’Ottubru, 2002 li bih Dr. Stephen Tonna Lowell ghall-Prosekuzzjoni eccepixxa preliminarjament in-nullita’ tar-rikors tal-appell in vista tal-fatt li t-talba ghas-sospensjoni tal-esekuzzjoni tas-sentenza saret fit-8 ta’ Lulju, 2002 u cioe’ sitt ijiem wara li nghatat is-sentenza skond gurisprudenza kostanti fosthom is-sentenza fl-ismijiet “Il-Pulizija. vs. George Cefai” tat-23 t’April, 1997 li skondha t-talba ghas-sospensjoni tal-esekuzzjoni tas-sentenza ghandha ssir immedjetament wara li tinghata s-sentenza .

Semghet it-trattazzjoni dwar din l-eccezzjoni fil-kors tal-istess seduta , meta l-kawza giet differita ghall-provvediment u /jew kontinwazzjoni ;

Ikkonsidrat ;

Illi mhux kontestat li fid-data tas-sentenza ma ntalbitx is-sospensjoni tal-esekuzzjoni tas-sentenza tal-Ewwel Qorti . Di fatti dan sar biss bir-rikors tat-8 ta’ Lulju, 2002 , liema talba giet akkordata bid-digriet tad-9 ta’ Lulju, 2002 fuq imsemmi . illi fis-sentenza appellata l-Ewwel Qorti kienet biss obbligat lill-appellant bhala genitur tal-minuri responsabbli ghall-fatt allegat li hu mahsub mill-ligi bhala reat li jiehu hsieb l-imgieba tal-istess minuri . Illi din l-obbligazzjoni skattat minnufieh mall-pronunzjament tas-sentenza w dahlet in vigore u l-appellant - li skond il-verbal tas-seduta tat-2 ta’ Lulju, 2002 kien ukoll assistit mill-Avukat li qed jippatrocinah illum - ma hassx il-htiega li jitlob is-sospensjoni tal-esekuzzjoni tas-sentenza dak il-hin. Mid-dehra l-appellant kellu ripensament u kien biss wara sitt (6) ijiem li talab is-sospensjoni tal-esekuzzjoni tas-sentenza biex ikun jista’ jappella. Sadattant f’dawn is-sitt ijiem is-sentenza kienet gja giet in effett u l-appellant kien akkwijexxa ghall-obbligazzjoni mposta fuqu mill-Ewwel Qorti.

Illi kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta fl-Appell Kriminali “Il-Pulizija vs. Mario Mifsud” (5.5.1994) :-

> “Kwantu ghall-pregudizzjali tan-nullita’ u irritwalita’ tal-appell minhabba il-mankanza tat-talba ghas-sospensjoni tal-esekuzzjoni tas-sentenza skond l-artikolu 416 tal-Kodici Kriminali, jidher li l-gurisprudenza pparifikat tali mankanza mal-akkwiexxenza , liema akkwiexxenza hija in konflitt mall-volonta’ li wiehed jappella (ara Il-Pulizija vs. Moses Bugeja u Edward Grech, App. Krim. 28.1.94; Il-Pulizija vs. Frangisk Borg ,18.1.41; Vol. XXXIII.iv.391 u l-Pulizija vs. Alfred Ancilleri u John Cauchi.”

u aktar ‘l isfel fl-istess sentenza dik il-Qorti ziedet tghid :-

> “wahda mill-karatteristici tal-process penali fis-sistema taghna huwa , illi kif appena tinghata

sentenza , hlief jekk ikun hemm previst mod iehor fl-istess sentenza jew x’imkien iehor fil-ligi, dik is-sentenza ghandha tigi esegwita immedjetament.”

L-istess principju gie ribadit fl-appelli Kriminali : “Il-Pulizija vs. Karl Gialanze” (17.5.94.) u “Il-Pulizija vs. Francis Micallef” (5.7.94) , “Il-Pulizija vs. Francis Scicluna” (20.1.95) u “l-Pulizija vs. Carmel Attard” (30.6.95) .

Illi l-abbli Prosekutur iccita is-sentenza ta’ din il-Qorti diversament preseduta fuq imsemmija li dahlet fil-kwistjoni ta’ meta ma tkunx intalbet is-sospensjoni tal-esekuzzjoni tas-sentenza , kif gara f’dan il-kaz u meta din tintalab wara xi granet , izda entro t-terminu tal-appell . Proprju fil-kaz citat ukoll l-intervall kien ta’ sitt ijiem kif inhu f’dan il-kaz.

Dik il-Qorti fis-sentenza citata kienet irriferiet ghall-artikolu 665 tal-Kodici Kriminali li jghid testwalment li :- “Bla hsara tad-dispozizzjonijiet ta’ l-artikolu 28A (li jirrigwardaw sentenzi ta’ prgunerija sospizi )

u d-dispozizzjonijiet ta’ dan il-Kodici dwar il-hlas ta’ pieni ta’ flus, KULL DECIZJONI GHANDHA TIGI ESEGWITA MINNUFIEH LI TINGHATA.” (Emfasi ta’ din il-Qorti)

Umbaghad irriferiet ukoll ghall-artikolu 416 (1) tal-istess Kodici li jghid testwalment li :-

“persuna misjuba hatja ...tista’ , meta tiddikjara imqar bil-fomm, li trid tappella mis-sentenza , taqla mill-qorti nferjuri t-twaqqif tal-esekuzzjoni tas-sentenza ....”

Dik il-Qorti kienet validament argumentat li dawn iz-zewg dispozizzjonijiet moqrijin flimkien , necessarjament ifissru li biex it-talba ghas-sospensjoni ta’ l-esekuzzjoni tas-sentenza tkun tista’ tigi milqugha , jehtieg li tigi maghmula immedjetament kif tkun giet moghtija s-sentenza u b’dan il-mod biss tista tigi evitata l-esekuzzjoni mmedjata tas-sentenza skond l-artikolu 665 citat . Dik il-Qorti umbaghad marret oltre u ddijarat ukoll li it-talba ghas-sospensjoni tal-esekuzzjoni tas-sentenza maghmula sitt ijiem wara s-sentenza ma setghetx tigi akkolta bil-ligi , ghax sadattant

is-sentenza suppost li kienet gja giet esegwita w li meta l-Ewwel Qorti kienet laqghet it-talba maghmula tardivament ma kienetx kompetenti li tilqaghha w ziedet tghid :-
"Di fatti wara li s-sentenza tkun giet in esekuzzjoni il-Qorti ma jkollha ebda setgha fuq dik l- esekuzzjoni , hlief li tiddisponi dwar il-mod tal-hlas tal-pieni pekunjarji. Ghalhekk l-akkoljiment mill-Ewwel Qorti tat-talba ta' l-appellant ghas-sospensjoni ta' l-esekuzzjoni tas-sentenza appellata, kien null u bla effett fil-ligi . Bhala konsegwenza l-esekuzzjoni ta' dik is-sentenza ma setghetx tigi sospiza , b'mod allura li l-appellant ma setax jappella."

Illi din il-Qorti kif preseduta taqbel pefettament ma dan ir-ragunament u tirritjeni li bil-fatt li l-appellant odjern , ma deherelux li kellu jiddikjara li jrid jappella , immedjetament wara li inghatat is-sentenza , l-obbligazzjoni mposta fuqu mill-ewwel Qorti ai termini tal-artikolu 35 (3) tal-Kodici Kriminali , kienet dahlet in vigore u ghalhekk kien inghata bidu effettiv ghall-esekuzzjoni tas-senteza mill-appellant.

Ghal dawn l-motivi u fid-dawl ta' din l-interpretazzjoni tal-pozizzjoni guridika moghtija minn din il-Qorti diversament preseduta, din il-Qorti tilqa' l-pregudizzjali sollevata mill-Avukat Generali w tiddikjara l-appell irritwali w null u konsegwentement tastjeni milli tkompli tiehu konjizzjoni ulterjuri tieghu.

(ft) Joseph G. Galea Debono.
06.01.03

John Farrugia
Deputat Registratur